## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SUPRETENDENT JOSRIC MIFSUD, SPETTUR HUBERT CINI, SPETTUR SILVIO MAGRO) V. JONATHAN TONNA (KI. 329875M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**26 ta' Jannar 2024**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra Jonathan Tonna ta' 40 sena, iben Joseph u Mary Ann nee' Galea, imwieled San Ġiljan fis-27 ta' Ġunju 1975, residenti in-Naxxar. detentur tal-karta tal-idenita' numru 329875M ("l-imputat") u *omissis, omissis, omissis, omissis, omissis, omissis, omissis, omissis, omissis, omissis, omissis u omissis,* li tressqu quddiemha fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2016 u ġew akkużati illi nhar l-4 ta' Ottubru 2015, f'dawn il-Gżejjer għal ħabta tas-sagħtejn ta' waranofsinhar (14.00hrs) ġewwa Park numru 4, fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Ħal Farruġ, limiti ta' Ħal-Luqa, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tagħhom jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti waqt l-avveniment Paqpaqli għall-Istrina, 2015:

1. Involontarjament, ikkaġunaw feriti ta' natura gravi fuq diversi persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 226, tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u

2. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi għamlu ħsara f'diversi vetturi bil-mutur ai termini tal-Art. 328 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

wara li rat illi l-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta,

wara li rat li fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2016 l-imputat wieġeb li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih,

wara li rat illi sussegwentement għall-ħatra tal-Maġistrat Aaron M. Bugeja bħala Imħallef, il-kawża kienet ġiet assenjata lil din il-Qorti diversement presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li rat illi b'digriet maħruġ fit-28 ta' Ottubru 2019 il-Maġistrat Nadine Lia kienet astjeniet milli tkompli tieħu  konjizzjoni tal-kawża u sussegwentement bl-ordni tal-STO Prim Imħallef tal-31 ta' Ottubru 2019 il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta,

wara li rat illi fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2024 il-Prosekuzzjoni talbet u l-Qorti laqgħet it-talba għas-separazzjoni tal-ġudizzju fis-sens illi l-kawża kontra l-imputat tkompli tiġi mismugħa b'mod separat mill-kawża kontra l-imputati l-oħra,

wara li rat li fl-istess seduta kemm l-imputati l-oħra u kemm il-Prosekuzzjoni ddikjaraw illi fid-dawl tax-xhieda prodotta jidher illi l-imputat ma kellu l-ebda involviment ta' kwalsiasi natura fl-organizzazzjoni tal-avveniment ta' Paqpaqli għall-Istrina 2015 u ma kellux responsabilita' ta' xi *safety plans* li kellhom jintużaw f'tali avveniment,

wara li semgħet ix-xhieda u/jew fejn applikabbli qrat it-traskrizzjonijiet tat-testimonjanzi tagħhom,

wara li l-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

Il-Qorti tqis illi fid-dulluvju ta' provi preżenti fil-proċess inkluż fl-inkjesta maġisterjali li ppreċediet l-kawża odjerna ma jirriżultax illi l-imputat kien involut fl-organizzazzjoni tal-avveniment ta' Paqpaqli għall-Istrina 2015 jew li kellu xi responsabilita' ta' xi *safety plans* li kellhom jintużaw f'tali avveniment. Jirriżulta b'mod ċar li l-imputat ma kellu l-ebda responsablita' xi jġorr u ma jirriżultaw l-ebda provi li b'xi mod isostnu l-akkużi fil-konfront tal-istess imputat.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi l-Qorti tillibera lill-imputat minn kull akkuża u ħtija.**

V.G. Axiak | Y. M. Pace

Maġistrat | Dep. Reġistratur